MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1957/2003

**Pater Finance Co. Ltd (C 22643)**

**vs**

**Marie Louise Biancho**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm550 rappresentanti import ta' seba kambjali wahda ta' Lm70 (bilanc) u sitta ta' Lm80 il-wahda debitament accettati u skaduti minn Marzu 2003 sa Settembru 2003 rispettivament u mhux imhallsa annessi ma' l-avviz bhala Dokumenti 1 sa 7. Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjali , li sal-24 ta' Settembru 2003 jammontaw ghal Lm15 oltre imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

Ra n-noti ta‘ riduzzjoni ippresentati mis-socjeta attrici ta’ l-14 ta’ Novembru 2003 u 12 ta’ Dicembru 2003.

Ra l-ammissjoni maghmula llum stess seduta stante ta’ l-ammont kif ridott.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici kif ridotta ghall-ammont ta’ Lm367 bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------